PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10364 — ECI/Bonak/Fast Group)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 405/05)

1. Fis-27 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— EC Investments a.s. ("ECI", ir-Repubblika Ċeka), ikkontrollata unikament minn EP Corporate Group, a.s. ("EPCG", ir-Repubblika Ċeka);

— Bonak a.s. ("Bonak", ir-Repubblika Ċeka), ikkontrollata unikament minn PPF Group N.V. ("PPF Group", in-Netherlands); kif ukoll

— Diversi kumpaniji li flimkien jiffurmaw Fast Group ("Fast Group", ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, l-Ungerija u l-Polonja).

ECI u Bonak jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Fast Group.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal ECI: investimenti f'kumpaniji attivi primarjament fis-settur tal-kummerċ elettroniku. B'mod partikolari, l-ECI tappartjeni lil EPGC, li hija attiva fis-setturi tal-kummerċ elettroniku u tal-bejgħ bl-ingrossa, inkluż permezz tal-Metro Group, bejjiegħ bl-ingrossa li jispeċjalizza fi prodotti tal-ikel u prodotti mhux tal-ikel u huwa attiv madwar l-UE. Barra minn hekk, ECI tikkontrolla b'mod konġunt – flimkien ma' Bonak – lil Mall Group, li huwa primarjament bejjiegħ bl-imnut tal-kummerċ elettroniku fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant;

— għal Bonak: l-impriża hija kumpanija operattiva li tappartjeni lil PPF Group, li hija grupp ta' investiment internazzjonali li jiffoka primarjament fuq is-servizzi finanzjarji u bankarji, it-telekomunikazzjonijiet, l-inġinerija mekkanika, il-bijoteknoloġiji, l-assigurazzjoni, il-proprjetà immobbli, l-agrikoltura u l-kummerċ elettroniku. B'mod partikolari, PPF Group huwa attiv fis-settur tal-bejgħ bl-imnut tal-kummerċ elettroniku fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant permezz ta' Mall Group u jikkontrolla – fost l-oħrajn – l-operaturi tat-telefonija mobbli O2 u Telenor; kif ukoll

— għal Fast Group: il-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut ta' elettronika għall-konsumaturi, apparat domestiku u prodotti tal-IT u tat-telekomunikazzjoni, kif ukoll prodotti oħra mhux tal-ikel, primarjament attiv fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10364 — ECI/Bonak/Fast Group

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 122964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË